**9 ta' Frar, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Dr. Frank G. Callus *et noe*

*versus*

Eddie Privitera *et noe*

***Press Act* - Libell**

*Għall-finijiet ta' libell assolutament ma hemmx bżonn li l-persuna ngurjata tiġi msemmija b'isimha u dan għaliex jekk jiġi ppruvat li l-persuna inġurjata tista' raġonevolment tiġi identifikata fil-persuna tal-kwerelant, il-liġi tkun sodisfatta.*

*Una volta li tiġi eċċepita l-indeterminatezza tal-persuna allegatament inġurjata l-oneru tal-prova illi l-persuni nġurjati huma l-kwerelanti tispetta lilhom u lil ħadd iżjed u aktar kemm ikun ifformulat b'mod vag u ambigwu l-artikolu inkriminat, aktar jikber il-bżonn ta' din il-prova.*

*Il-Qorti trid tħares lejn l-artikolu kif tippretendi li jħares lejh bniedem ta' intelliġenza normali u mhux tekniku tal-grammatika u sintassi.*

Il-Qorti:-

Rat il-kwerela istitwita minn Dottor Frank G. Callus, M.D., D.M.R. (London) fil-kwalità tiegħu ta' President tal-MAM (*The Medical Union*) u in rappreżentanza ta' l-istess; Dottor Lino German M.D., F.R.C.O.G., fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju u in rappreżentanza ta' l-istess; Dr. Joseph Paris M.D., Dottor Carmel Vella M.D., membri tal-MAM u in

rappreżentanza ta' l-istess, kontra Eddie Privitera, Joe Vella bħala editur tal-Weekend Chronicle u Anton Cassar bħala stampatur ta' l-istess ġurnal, talli fil-ħarġa tal-ġurnal Weekend Chronicle tas-Sibt, 15 ta' Jannar, 1983 (dok. A) ġiet ippubblikata ittra bit-titolu "Karen Grech" u li tibda "Your Editorial" u tispiċċa "Karen Grech" taħt il-firma tal-kwerelat Eddie Privitera li biha llibellaw, inġurjaw, u naqqsu ġieh il-kwerelanti fil-kariga tagħhom u f'isem l-għaqda li jirrappreżentaw billi semmew u attribwewlhom fatti li mhux veri - u dan għat-termini tal-liġi ta' l-istampa ta' l-1974;

Rat l-eċċezzjoni tal-kwerelat Eddie Privitera ta' l-indeterminatezza tal-persuna allegatament kwerelata u l-eċċezzjoni tal-kwerelati Joe Vella u Anton Cassar ta' l-indeterminatezza tal-persuni allegatament kwerelati u illi l-kwerelat Joe Vella offra spazju għall-ittra in kwistjoni u ma kellu ebda ħsieb jinġurja lil ħadd u għal Anton Cassar li huwa ma kienx qara l-kitba *de quo* qabel din ġiet ippubblikata;

Rat il-verbal fejn il-partijiet qablu li jeżentaw lir-rappreżentant tal-*Press Registrar* mill-prova li l-imputati Vella u Cassar kienu rispettivament jokkupaw il-kariga ta' Editur u Stampatur tal-ġurnal inkriminat;

Rat il-verbali kollha u senjatament dak li fih il-partijiet qablu li l-eċċezzjoni preliminari dwar id-determinatezza o meno tal-persuni allegatament kwerelati, tiġi deċiża mingħajr il-ħtieġa li ssir il-konforma tal-kwerelanti f'dak l-istadju;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta mogħtija fis-26 ta' Awissu, 1983 li permezz tagħha dik il-Qorti ddeċidiet billi filwaqt li laqgħet l-eċċezzjoni tal-kwerelati dwar l-indeterminatezza tal-persuna allegatament inġurjata, sabet għar-

raġunijiet imsemmija fl-istess sentenza, lill-kwerelati Eddie Privitera, Joe Vella u Anton Cassar kif imsemmija fit-taħrika, mhux ħatja tal-kwerela u lliberathom bl-ispejjeż a kariku tal-kwerelanti;

*Omissis*;

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-kwerelanti ppreżentat fis-7 ta' Settembru, 1983 li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-kwerelati bl-ispejjeż a kariku ta' l-istess kwerelati appellati;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi wara li eżaminat bir-reqqa l-kwerela, l-artikolu inkriminat, l-eċċezzjoni, in-noti u s-sentenza appellata, din il-Qorti tħoss li hi fid-dover li qabel xejn tagħmel xi osservazzjonijiet li ċertament huma pertinenti għal dan il-każ u każijiet simili;

Fl-ewwel lok jingħad li jekk fil-kawżi ta' inġurji u libelli l-problemi legali li jinqalgħu u jistgħu jinqalgħu mhumiex faċili, waħda mill-problemi li l-aktar jistgħu jippreżentaw diffikultajiet hi dik relattiva għall-kwistjoni ta' jekk il-kwerelant hux identifikat jew identifikabbli. Dan għaliex jista' jiġri bħal ma hu l-każ in diżamina, illi l-awtur flok jattakka lil xi persuna partikolari b'isimha jew b'mod li ċertament ma jħallix dubbju, jattakka b'mod li hu intenzjonatament ġeneriku jekk mhux vag u

ambigwu. Xi tkun ir-raġuni għal dan l-atteġġjament, normalment ikun jafha biss l-awtur però dan m'għandux jinteressa, u fil-fatt qatt ma interessa lil dawn il-Qrati. Hu fatt però li għall-finijiet tal-libell assolutament ma hemmx bżonn li l-persuna inġurjata tiġi msemmija b'isimha u dan għaliex jekk jiġi ppruvat li l-persuna inġurjata tista' raġonevolment tiġi identifikata fil-persuna tal-kwerelant, il-liġi tkun sodisfatta;

Il-partijiet u l-Ewwel Qorti għamlu diversi referenzi għal diversi sentenzi lokali u esteri u anke awturi u effettivament mingħajr tlaqliq din il-Qorti sempliċement ma tarax xi bżonn partikolari ta' daqstant ċitazzjonijiet li anke jekk il-partijiet kull wieħed iċċitahom favur tiegħu, fil-fatt kif jaqbillu, ma huma kontradittorji xejn għax jgħidu kollha l-istess ħaġa u jiddifferixxu biss in kwantu ma kellhomx ċirkostanzi identiċi. Fil-fatt a skans ta' ħafna ċitazzjonijiet din il-Qorti sejra biss tiċċita bran wieħed li tant hu skjett, konċiż u fl-istess ħin komplet u jikkomprendi dak kollu li ġie deċiż qabel li ma jħallix bżonn ta' kwotazzjonijiet ulterjuri. Il-bran hu meħud mill-ħaġna 70 tal-ktieb "Libel and Slander" ta' Peter F. Carter Rock, **Faber vs Faber**, 1972 u jgħid hekk:

*"It is submitted that not only is it impossible to suggest any test which would determine whether or not all the persons in a particular group have been libelled, but it is undesirable to attempt to do so. The sole relevant question in every case is: Would reasonable persons understand the words to refer to the particular plaintiff? Factors to be considered in deciding this question are, as Lord Porter pointed out in Knupffen's case "the size of the class, the generality of the charge and the extravagance of the accusation*";

Fit-tieni lok din il-Qorti trid tosserva illi l-ebda Qorti mhi intitolata tippresumi xejn li mhux fl-atti tal-kawża u ma tistax

tippresumi ebda fatt sakemm dan ma jkunx ġie ppruvat kif tipprovdi l-istess liġi proċedurali;

Fit-tielet lok jiġi ribadit dak li del resto hu ovvju u ċjoè illi una volta ġiet eċċepita l-indeterminatezza tal-persuna allegatament inġurjata l-oneru tal-prova illi l-persuni inġurjati huma l-kwerelanti, tispetta lilhom u lil ħadd iżjed u aktar kemm ikun ifformulat b'mod vag u ambigwu l-artikolu inkriminat, aktar jikber il-bżonn ta' din il-prova;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawża sar żball fondamentali mill-bidunett u ċjoè meta l-partijiet qablu li l-eċċezzjoni preliminari dwar id-determinatezza o meno tal-persuni allegatament kwerelati tiġi deċiża mingħajr il-ħtieġa li ssir il-konferma tal-kwerela da parti tal-kwerelanti f'dak l-istadju. Ċertament dan il-qbil sar in bona fede miż-żewġ naħat però bih il-kwerelanti ppreċipitaw fit-tieni żball u ċjoè li jħallu l-każ jiġi deċiż mingħajr ebda ħjiel ta' provi ħlief l-artikolu nnifsu u d-dikjarazzjoni l-oħra rigward il-kwalità tal-kwerelati Vella u Cassar. Lanqas ma almenu ppreżentaw in-nota ta' osservazzjonijiet li kellhom jippreżentaw b'risposta għal dik tal-kwerelati. Għalhekk dak li kellha quddiemha l-Ewwel Onorabbli Qorti kien biss il-liġi u kif ġiet interpretata fil-ġurisprudenza nostrana u l-artikolu inkriminat innifsu u xejn iżjed;

Ikkunsidrat:

Illi l-kwerela saret minn (1) Dr. Frank G. Callus M.D., D.M.R. (London) fil-kwalità tiegħu ta' President tal-MAM (The Medical Union) u in rappreżentanza ta' l-istess; (2) Dr. Lino German M.D., F.R.C.O.G., fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju u in rappreżentanza ta' l-istess (i.e. tal-MAM); (3) u (4) Dr. Joseph

Paris M.D. u Dr. Carmel Vella M.D., membri tal-MAM u in rappreżentanza ta' l-istess. Imbagħad fil-kwerela allegaw illi ġew illibellati "fil-kariga tagħhom u f'isem l-għaqda li jirrappreżentaw";

Bir-rispett kollu dovut lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, mhux korrett li jingħad illi l-kwerelanti aġixxew f'isimhom proprju u kif ukoll in rappreżentanza tal-MAM għax dan ma jirriżulta minn imkien. Irriżulta biss dak li hemm fil-kwerela u forsi f'dan l-istadju jiftiehem aħjar għala din il-Qorti qalet li sar żball fondamentali meta ma ġietx ikkonfermata l-kwerela u ma nġabux provi. Għalhekk meta fir-rikors ta' l-appell il-kwerelanti ssottomettew li huma kollha "tobba, membri tal-M.A.M. (The Medical Unino) u bħala tali għandhom id-dritt mogħti mil-liġi biex jirrappreżentaw lill-għaqda in kwistjoni, ċjoè l-MAM (The Medical Unino). Dan il-fatt ġie rikonoxxut fl-istess sentenza meta l-Qorti qalet testwalment: "Ma hemm xejn kontradittorju billi wieħed jaġixxi f'ismu proprju kif ukoll in rappreżentanza ta' għaqda kif għamlu l-kwerelanti"; Kienu qed jagħmlu sottomissjoni li għal din il-Qorti hi kompletament inaċċettabbli. Dan apparti mill-fatt li esklużi Dr. Callus u Dr. German, li almenu huma indikati bħala President u Segretarju rispettivament tal-MAM, ma jirriżulta minn imkien min huma Dr. Vella u Dr. Paris, ċjoè x'kariga għandhom u xi dritt ta' rappreżentanza għandhom tal-MAM, avolja fil-kwerela allegaw li ġew inġurjati fil-kwalità tagħhom u f'isem il-MAM. Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ tobba proprju mhux il-każ li jingħad li aġixxew di proprio għax allura għalfejn intużaw il-kliem "fil-kwalità tagħhom";

Ikkunsidrat inoltre illi l-konsiderazzjonijiet l-oħra ta' l-Ewwel Qorti dwar il-kwerelanti kinux ukoll qed jirrappreżentaw tobba oħra, senjatament dawk assenti minn dawn il-Gżejjer, kienu kif sewwa ssottomettew l-istess kwerelanti, irrilevanti għax il-kwerela hi kif inhi u ma tistax titbiddel;

Ikkunsidrat:

Illi parti mill-ittra inkriminata b'referenza għall-qtil ta' Karen Grech, tgħid: "*Whatever the Nationalists say or do (including some of their bedfellows in MAM) to wash their hands from the innocent blood of Karen, the accusing finger can only point in one direction*";

F'parti oħra ta' l-istess ittra, dejjem bl-istess suġġett bħala sfond, l-awtur ikompli hekk: "*Karen Grech's Hospital will not only remain (as you and Dr. Moran rightly said) "a living monument" against violence, but also a living monument to the Labour Government for carrying on with the job of protecting Maltese patients from the unscrupulous behaviour of certain Maltese doctors*";

Il-kwerelanti qed jissottomettu illi nonostante l-użu tat-termini *some* u *certain*, xorta dawn fil-kumpless ta' l-ittra kollha jidentifikaw lilhom *de proprio* u fil-kariga li għandhom fil-MAM. Din il-Qorti tistaqsi x'għandha quddiemha, xi provi għandha li a bażi tagħhom tista' tasal għall-konklużjoni li, kif intqal fil-każ **Syme *vs* Canavan**: "*The circumstances of the description is such that a person hearing or reading the alleged libel would reasonably believe that the plaintiff was referred to*". Bir-rispett kollu lejn l-argumenti ta' l-appellanti dwar x'għandhom ifissru l-kliem *some* u *certain* u jekk waħda hix inkluża fl-oħra jew le, il-verità legali hija waħda u ċjoè li l-artikolu jgħid dak li jgħid u l-Qorti trid tħares lejh kif tippretendi li jħares lejh bniedem ta' intelliġenza normali u mhux tekniku tal-grammatika u sintassi. Fl-ewwel bran, l-awtur qed jitkellem fuq in-Nazzjonalisti għax qabel ma tħares lejn il-kliem li hemm fil-*brackets*, trid tħares lejn is-sentenza. L-awtur qed jgħid li jgħidu x'jgħidu n-Nazzjonalisti u jagħmlu x'jagħmlu biex jaħslu idejhom mid-demm innoċenti ta' Karen,

is-suba akkużatorja jista' jipponta f'direzzjoni waħda biss. Bil-kliem fil-*brackets*, imbagħad inkluda ukoll *some* jiġifieri uħud minn *their bedfellows in MAM*. Jiġifieri ma qalx "u l-MAM" jew "il-Kumitat tal-MAM". Qal biss dak li qal mingħajr ma speċifika min huma dawn l-uħud mill-MAM. Kieku kien il-każ ta' wieħed mill-alternattivi imsemmija forsi kien ikun il-każ wieħed jidħol aktar fil-fond u allura jagħti valur lis-sentenza **Mintoff *vs* Zammit** u xi oħrajn ċitati. Imma sempliċement tħares minn fejn tħares lejha in assenza ta' ċirkostanzi oħra legalment miġjuba kontriha din il-Qorti ma tistax tintravedi bażi għal-lanjanza tal-kwerelanti aktar u aktar fir-rigward tal-kwerelati Dr. Vella u Dr. Paris;

Il-kwerelanti ssottomettew illi t-termini *certain* għandu jiġi allaċċjat mat-termini *some* għaliex fl-ewwel lok is-suġġett ta' l-ittra *de quo* kien apparti kategorija ta' nies oħra t-tobba u fit-tieni lok meta ġie użat it-termini *some* ġiet ukoll użata l-kelma *including* u għalhekk *certain* huma inklużi f'*some* u meta ġiet użata l-kelma *some* ġie msemmi l-MAM;

Illi bir-rispett kollu tistaqsi: u x'sar minnha l-kelma *bedfellows* u xi tfisser *bedfellows* fil-kuntest ta' dak li kien qed jintqal. L-artikolu qed jallega illi l-MAM hija kompliċi man-Nazzjonalisti f'dak li għandu x'jaqsam mal-mewt ta' Karen Grech jew li xi tobba membri tal-MAM li ma kinux qed jiġu msemmija, kienu hekk kompliċi? Din il-Qorti m'għandhiex dubbju li l-ittra f'dak il-paragrafu tista' biss tiftiehem bit-tieni mod; u jekk ma tistax tiftiehem bl-ewwel mod, x'għandha x'taqsam il-MAM mal-mewt ta' Karen Grech?

B'aktar enfasi dak li s'issa intqal fir-rigward ta' l-ewwel bran japplika għat-tieni bran. B'liema mod jista' wieħed ikun kategoriku, dwar għal min qed jirreferi l-awtur meta għażel li juża l-kliem "*certain Maltese doctors*?". Aktar vag minn hekk

ma setax ikun l-awtur u dan indipendentement mill-punt l-ieħor li semmiet l-Ewwel Qorti dwar lil min qed jirrappreżentaw il-kwerelanti;

Fl-aħħarnett qabel tagħlaq din il-Qorti trid tagħmel osservazzjoni żgħira dwar ċerti sentenzi li ġew ċitati mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell tagħhom;

Apparti mill-każ **Mintoff** ***vs*** **Zammit** li proprju ma japplikax għall-każ in diżamina u **Strickland** ***vs*** **Mintoff** li ukoll wieħed ma jistax jargumenta minnu għax il-kwerelanti mhumiex il-MAM u lanqas it-tobba kollha ta' Malta, il-każijiet l-oħra ċitati li fihom kienet imdaħħla l-MAM u tobba oħra, il-Qorti rathom u se mai tħoss li pjuttost ma jistgħux ikunu ta' xi użu għall-fini ta' din il-kawża. Anzi jingħad illi jekk wieħed iħares lejn uħud minnhom partikolarment **Callus** ***et vs*** **Avellino** ***et*** deċiż minn din il-Qorti fl-1 ta' Ġunju, 1978, wieħed jinduna kemm hi differenti l-vesti li biha l-kwerelanti qed imexxu f'din il-kawża. Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-kwerelanti appellanti.